# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 757/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Davide Manunta**
**(K.I. 373286M)**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra Davide Manunta, imwieled il-Pietà nhar it-12 ta' Awwissu 1986, iben Antonio u Mary Grace nee' Manunta, residenti ġewwa Daenu, Triq il-Kbira, Mosta u detentur tal-karta tal-identità numru 373286M u akkużat talli nhar it-3 ta' Frar 2022, għall-ħabta s-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ġewwa Wied il-Qoton, Birżebbuġia:

1. B’ nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’ nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti kkaġunajt il-mewt ta’ Karmnu Micallef;

2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura oħra, u cioè tal-għamla Leyland Daf bin-numru tar-reġistrazzjoni HAN542, b’ nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni jew b’ mod perikoluż;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għall-perjodu ta’ żmien li jidhrilha xieraq.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta datat it-23 ta’ Diċembru 2022 sabiex Davide Manunta jiġi trattat bil-proċedura sommarja[1].

Rat li waqt l-eżami tal-akkużat huwa ddikjara li m’ għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja.

---

[1] Ara a fol 2 tal-atti proċesswali.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tal-inċident u cioè fit-3 ta' Frar 2022, għall-ħabta tas-13:00pm, il-*Control Room* irċeviet telefonata illi kien għadu kif seħħ inċident tat-traffiku f' Wied il-Qoton Birżebbuġa. Immedjatament marru fuq il-post l-ispettur Jonathan Cassar, PS 995, PC 206, PC104, u PC 881 mill-Għassa taż-Żejtun kif ukoll ta' l-Għassa ta' Birżebbuġia, fejn mal-wasla tagħhom raw trakk ta' l-għamla Leyland Duff bin-numru ta' reġistrazzjoni HAN 542 u ta' kulur blu li kien qiegħed diagonali jagħlaq il-Wied. L-akkużat kien fuq il-post u meta ġie mitkellem huwa identifika ruħu bħala x-xufier tat-trakk. Irriżulta li dan it-trakk kien wieħed kummerċjali u reġistrat fuq il-kumpanija J&P Borg Group. Fil-fatt id-direttur tal-kumpanija kif ukoll il-*Health and Safety Officer* kienu fuq il-post ta' l-inċident. Ma' l-art kien hemm persuna, ċertu Karmnu Micallef li ġie iċċertifikat mejjet fuq il-post minn Dr. Jonathan Joslin mill-Isptar Mater

Dei. Preżenti fuq il-post fil-fatt kien hemm professjonisti mediċi u kif ukoll membri tal-Protezzjoni Ċivili. Il-pulizija kellmet lill-akkużat fuq il-post u minn hemm irriżulta li hu u l-vittma kienu jaħdmu flimkien u kienu impjegati tal-kumpanija J&P Borg Group. Irriżulta li huma kienu fuq biċċa xogħol li kien jinvolvi t-trasport ta' xbieki tal-ħadid. Ġara li peress illi t-trakk kien kbir, ma' setgħux jidħlu fil-post peress illi t-triq kienet dejqa, allura x-xufier mar idawwar ġewwa fetħa li kien hemm aktar 'l isfel mill-post fejn kellhom jaħdmu. Il-vittma niżel mit-trakk sabiex jaralu ħa jdawwar u kien hekk li seħħ l-inċident b' konsegwenza ta' liema l-vittma safa' maqtul.[2] Illi peress li kien hemm persuna mejta ġiet infurmata l-Maġistrat ta' l-għassa u nfetħet investigazzjoni *in genere*. Sussegwentement PS995 Christian Mangion, li kien wieħed mill-pulizija li marru fuq il-post ta' l-inċident, ipprepara u daħħal rapport dwar dan l-inċident.[3] Il-pulizija żammew it-triq magħluqa sabiex tiġi ppreservata x-xena ta' l-inċident.[4]

Ikkonsidrat

Illi l-espert tekniku maħtur fl-*in genere* l-Avukat Dottor Mario xehed in kontro-eżami li t-triq fejn seħħ l-inċident kienet dejqa - tant hu hekk li l-parti ta' quddiem tat-trakk kienet qed isserraħ 'l barra mit-triq għal ġewwa għalqa. Minkejja dan, ix-xhud stqarr li jidher ċar li l-vittma ntlaqat bir-rota tan-naħa tax-xellug u spiċċa fuq n-naħa tal-lemin tal-vettura li jindika li t-trakk għadda minn fuq il-vittma diversi drabi qabel max-xufier induna x' kien ġara. L-espert xehed ukoll li huwa ħa x-xhieda bil-ġurament ta' rappreżentant tal-*Jobsplus* kif ukoll x-xhieda bil-ġurament tal-akkużat wara li wissieh li kellu d-dritt tas-silenzju u tah id-dritt li jkun assistit minn avukat[5].

[2] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Cassar mogħtija fil-25 ta' Jannar 2023 a fol. 10 tal-atti proċesswali.
[3] Ara fol. 19 sa 24 ta' l-Atti Proċesswali.
[4] Ara x-xhieda ta' PC 104 Karol Cefai u ta' PC 206 Mario Barbara mogħtija fil-25 ta' Jannar 2023 a fol. 25 sa 27 ta' l-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda ta' Dr Mario Buttigieg mogħtija fl-14 ta' Marzu 2023 a fol. 190 sa 192 ta' l-Atti Proċesswali.

Illi l-Ispiżjar Godwin Sammut xehed li ġabar kampjuni minn fuq il-kadavru tal-vittima sabiex isiru eżamijiet tossikoloġiċi, liema kampjuni rriżultaw fin-negattiv għal kull tip ta' sustanza illeċita jew alkoħol.[6]

Xehed Jeremy Mangion li qal li jaħdem fis-settur tal-logistika fi ħdan il-kumpanija G&P Borg li qal li kienet daħlet ordni mingħand ċertu *Pierre*, għal ammont ta' ħadid. Ix-xhud spjega li dakinhar ta' l-inċident kien imiss dak it-trakk partikolari li x-xufier tiegħu kien l-akkużat, biex iħott u joħroġ b' dan il-ħadid u jwasslu għand il-klijent[7]. Riprodott, ix-xhud qal li hu kien ċempel lill-akkużat u qabbad lilu u lill-vittma sabiex imorru jgħabbu x-xogħol mill-Imġarr u jwassluh għand il-klijent.[8]

Illi Pierre Theuma ikkonferma li huwa kien ċempel lill-kumpanija G & P Borg u talabhom iġibulu x-xibka fuq il-post tax-xogħol tiegħu li jinsab ġo Triq Wied il-Qoton, li jinsab bejn Ħal Far u Birżebbuġa. Ix-xogħol in kwistjoni kien qiegħed jagħmlu fil-kapaċita' tiegħu ta' *sub-contractor* ikkummissjonat mill-Gvern. Huwa għaraf l-akkużat bħala x-xufier tat-trakk li wassallu x-xogħol u kkonferma li ltaqa' miegħu ġewwa Ħal Far.[9] Ix-xhud ikkonferma li x-xufier ma' setax idawwar it-trakk għaliex l-isqaq kien dejjaq u għalhekk l-akkużat baqa' jsuq 'l ġewwa sabiex isib fejn idur. Ix-xhud spjega li kien hemm madwar għaxar minuti bogħod mis-sit fejn l-akkużat mar idawwar it-trakk u fejn kellu iħott ix-xogħol. Ix-xhud stqarr li għadda ċertu ħin u t-trakk ma' reġax tfaċċa u f' daqqa waħda minn ġod-daħla fl-isqaq ra lill-akkużat jgħajjat u jibki u jagħti fuq rasu. Qal li l-akkużat beda' jibki u jgħid li kien laqat lill-vittma u imbagħad huwa ċempel l-ambulanza.

Ikkonsidrat

[6] Ara x-xhieda ta' l-Ispiżjar Godwin Sammut mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 a fol.197 ta' l-Atti Proċesswali.
[7] Ara x-xhieda ta' Jeremy Mangion mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 a fol. 209 sa 213 ta' l-Atti Proċesswali.
[8] Ara x-xhieda ta' Jeremy Mangion ri-prodott mogħtija fid-9 ta' Mejju 2023 a fol. 216 sa 226 ta' l-atti proċesswali.
[9] Ara xhieda ta' Pierre Theuma mogħtija fis-6 ta' Ġunju 2023 a fol. 230 sa 244 ta' l-atti proċesswali.

Xehed David Saliba in rappreżentanza tal-OHSA, prodott mid-difiża li qal li sid lant tax-xogħol għandu jinforma l-Awtorità' meta jinqala inċident fuq il-post tax-xogħol[10]. Ix-xhud ikkonferma li l-Awtorità kienet infurmata bl-inċident mill-Pulizija ta' l-Għassa taż-Żejtun ftit mumenti wara li seħħ. Qal ukoll li dan l-inċident kien ġie kkunsidrat bħala inċident stradali aktar milli inċident fuq il-post tax-xogħol waqt l-*in* genere u li allura ma' nfetaħ l-ebda *file* dwaru. Xehed ukoll in difesa Justin Vella impjegat mal-kumpanija G&P Borg li ddeskriva lill-vittma bħala persuna rasu iebsa.[11] Ix-xhud spjega li kien hemm sitwazzjonijiet li fejn ra lill-vittma jaqbad u jgħaddi minn wara gaffa bil-pass tiegħu bil-mod, u anke minn wara fork lifter. Spjega li din l-azzjoni hija perikoluża peress illi dawn l-inġenji huma għoljin u allura ma' tarax dak li jkun qed jiġri taħtek.

Xehed l-akkużat[12] fejn spjega li huwa jaħdem bħala xufier mal-kumpanija G & P Borg u li dakinhar ta' l-inċident fatali marru jiġbru x-xbieki mill-Imġarr u ħadhom ġewwa Wied il-Qoton. Huwa ċempel lill-kuntrattur u daħal fi trejqa ħalli jħott iżda peress illi kienet dejqa ħafna baqa' isuq 'l isfel peress illi l-kuntrattur kien qallu kien hemm fetħa fejn seta' idawwar. L-akkużat kompla jispjega kif talab lill-vittma jinżel jaralu peress illi t-trakk kien itwal mit-triq. Huwa qal li kellu l-liċenzja speċjali u kellu 14-il sena esperjenza isuq it-trakkijiet. Dwar id-dinamika ta' kif ġara l-inċident, l-akkużat għażel li ma jirrispondix għall-ebda domanda oħra li saritlu.

Ikkonsidrat

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha d-difiża ssollevat diversi punti fosthom li l-Qorti għandha tiskarta l-konklużjonijiet tal-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg għaliex, skont hi, huwa mar oltre l-inkarigu mogħti lilu mill-Maġistrat Inkwerenti.

---

[10] Ara x-xhieda ta' David Saliba mogħtija fit-22 ta' Jannar a fol. 301 sa 323 ta' l-atti proċesswali.
[11] Ara ix-xhieda ta' Justin Vella mogħtija fit-22 ta' Jannar 2024 a fol. 312 sa 322 ta' l-atti proċesswali.
[12] Ara ix-xhieda ta' Davide Manunta mogħtija fis-7 ta' Frar 2022 a fol. 158 fl-Atti ta' l-in genere.

Illi Qorti ma' taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-espert Dr Mario Buttigieg ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex "*iżomm aċċess, jieħu x-xhieda u jagħmel rikostruzzjoni ta' kif seħħ l-inċident, kif ukoll jagħmel l-investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-istess inċident u wara jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x' jaqsmu mal-każ u li jidhirlu opportuni*".[13] Il-Qorti rat ir-rapport tal-espert Dr Buttigieg kif ukoll il-konklużjonijiet minnu raġġunti u ssib li ma marx oltre l-inkarigu mogħti lilu fl-*in genere* . Għaldaqstant, din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa.

Illi d-difiża tilmenta wkoll mill-fatt li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ma ġietx informata b'dan l-inċident ai termini tar-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) (L.S. 424.09)[14] u li ma saritx investigazzjoni mill-istess Awtorità, biex il-provi f'dan il-proċess huma karenti. Illi l-akkużat m'hu qed jiddefendi ebda akkuża b'rabta mas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u konsegwentement, il-Qorti ma tarax li din is-sottomissjoni għandha xi impatt fuq dawn il-proċeduri.

Ikkonsidrat

Illi f'dan il-każ, il-Qorti m'għandha l-ebda xhud okulari li jista' jitfa' dawl fuq dak li verament ġara fil-mumenti ta' qabel l-inċident u allura jkollha tistrieħ fuq ir-rapporti ta' l-esperti maħtura fl-in genere biex tifhem id-dinamika ta' l-inċident *de quo*

Illi l-espert il-Perit Richard Aquilina fir-rapport tiegħu kkonkluda li:

> "(A) *Truck Leyland Daf 75/240 Nru. HAN 542. Dan kellu żewġ settijiet ta' double wheel fuq wara u kien f' pożizzjoni bil-wara tiegħu*

[13] Ara d-digriet tan-nomina ta' l-espert a fol. 134 ta' l-atti ta' l-in genere.

[14] Illum tinstab taħt L.S. 646.03 stante li ġew trasferiti taħt il-Kap. 646 permezz tal-Att XXXIII tal-2024.

*kważi tmiss mal-ħajt tas-sejjieħ u b' quddiem ċirka nofs metru 'l bogħod mill-ħajt.*

- *(i) Ir-roti ta' quddiem kienu miksura 'l barra lejn il-lemin;*
- *(ii) Taħt l-Axle ta' quddiem, fl-art, kien hemm irfis ta' tyre imċappas bid-demm (vide ritratt Dok. A);*
- *(iii) It-tyre ta' quddiem xellug kellu tiċpis li kien kompatibbli ma' "Body Tissue" u demm, (vide ritratt Dok. A);*

*(B) Qrib in-naħa tal-lemin ta' quddiem tat-Truck, kien hemm il-katavru ta' Carmelo Micallef (ta' 71 sena). Dan kien b' wiċċu 'l isfel u kellu sieqa tal-lemin u rasu mgħaffġa. Kien hemm roqgħa quddiem rasu b' moħħ u demm."*[15]

Illi din ix-xena hija aħjar dokumentata mill-espert innominat bħala *Scene Of Crime Officer* fejn fost ir-ritratti meħuda jirriżulta wieħed li juri t-trakk u l-katavru tal-vittma quddiemu.[16]

Illi l-espert tekniku Dr Mario Buttigieg għamel rikostruzzjoni tal-inċident mill-evidenza miġbura minn fuq is-sit ta' l-inċident u kif ukoll mill-provi miġbura. Fir-rapport tiegħu Dr. Buttigieg qal:

"*Ġie kkonstatat li t-trakk ma' ġarrab ebda ħsarat. Mill-evidenza miġbura rriżulta li l-impatt seħħ fuq il-karriġġjata naħa tax-xellug ta' trakk meta, Davide Manunta kien allegatament qed jirreversja."*

*Mix-xhieda li ta' Davide Manunta, stqarr li dakinhar tal-inċident hu kien qed isuq trakk [li] għal din it-triq huwa pjutost kbir. Skont hu ried*

[15] Ara r-rapport tal-Perit Richard Aquilina ppreżentat bħala Dok. "RA1" a fol. 43 sa 50 tal-atti ta' l-*in genere*.

[16] Ara r-rapport ta' PS 586 Mario Azzopardi ppreżentat bħala Dok. "MA1" a fol. 113 tal-atti ta' l-*in genere*.

*imur Ħal Far, peress li kien mogħbi bil-vireg. Peress li t-triq djieqet iddeċieda li jirriversja sabiex jaqbad it-triq prinċipali."*[17]

Illi Dr. Buttigieg, jikkonkludi fir-rapport tiegħu illi:

*"Jidher b' mod lampanti li Davide Manunta ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien qed jagħmel il-manuvra ta' reversing. Ġie stabbilit li fuq in-naħa tax-xellug tat-trakk, l-imsemmi trakk u mgħammar bit-tlett mirijiet li juri pożizzjonijiet differenti. Li keiku ta' daqqa t' għajn sew żgur li kien jara lil Carmel Micallef ma' ġenb it-trakk u għaldaqstant jidher b' mod lampanti li Manunta waqt li kien qed jirreversja l-imsemmi trakk b' manjiera traskurata u perikoluża li waslet għal mewt ta' Carmel Micallef."*

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-akkużat jattakka din il-konklużjoni raġġunta minn Dr Buttigieg għaliex skontu minn imkien mix-xhieda mogħtija ma ħareġ li l-akkużat kien qed jagħmel manuvra li permezz tagħha kien qed jirriversja. Illi jidher mill-atti li l-espert Dr. Buttigieg ibbaża din il-konklużjoni tiegħu fuq id-"*Driver's Statement*" misjuba fir-rapport tal-Pulizija[18] fejn hemm riportat is-segwenti:-

"*Kont qiegħed insuq il-vettura fi Triq il-Qoton, ġejt biex indawwar it-truck u minhabba li t-triq kienet dejqa ħafna Carmelo niżel jarali biex ma nolqotx it-truck. Hekk kif nirriversja lura nara lil Carmelo mal-art f'dik il-kondizzjoni*"

Illi minn din il-verżjoni mogħtija mill-akkużat a tempo vergine, madanakollu, ma joħroġx ċar jekk il-vittma kienx diġa korra u l-akkużat induna bih waqt

[17] Ara r-rapport ta' Dr Mario Buttigieg ippreżentat bħala Dok. "MB1" a fol. 135 sa 165 tal-atti ta' l-*in genere.*
[18] Rapport Nru NPS 5/POL/688/2022, a fol. 19 tal-atti proċesswali.

li kien qed jirriversja lura jew jekk il-vittma korra waqt li l-akkużat kien qed jirriversja. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel interpretazzjoni hija aktar viċin id-diċitura adoperata mill-akkużat u għalhekk ser tinterpretaha li l-vittma kien diġa korra u li l-akkużat induna bih waqt li kien qed jirriversja.

Illi għandu jiġi puntwalizzat li għalkemm l-esperti jkunu maħtura mill-Qorti bilgħan li jgħinu lill-Qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha, il-Qorti m'hijiex marbuta magħhom. Filfatt, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali**[19] illi:

> "*Il-ligi trid li l-indipendenza tigi riflessa fil-Qorti, ghax id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti mhux f'idejn il-periti. Fi kliem iehor, ghalkemm il-Qorti solitu li ssegwi l-pariri li jaghtuha l-esperti minnha mahtura, dawn jibqghu biss opinjonijiet, u d-decizjoni li taffettwa l-liberta' tal-akkuzat tehodha l-Qorti, u l-Qorti biss. Il-Qorti ghandha dmir tgharbel sew l-opinjonijiet tal-esperti maqbuda minnha, imma tista' tinjora dawk l-opinjonijiet .....*"

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiskarta dik il-parti tal-konklużjoni tal-espert fejn jingħad illi Davide Manunta kien qed jagħmel il-manuvra ta' reversing. Stabbilit dan, madanakollu, jirriżulta mhux kontradett mill-provi li l-akkużat kien qed jimmanuvra t-trakk meta għal xi raġuni il-vittma korra fatalment, Mir-rapport tal-espert mediku Dr Mario Scerri jirriżulta:

> *"3. Illi mill-ġrieħi deskritti jidher illi l-pala tas-sieq il-leminija ta' Carmnu Micallef inqabdet bir-rota ta' dan il-high-up. Din baqgħet tavvanza fejn ikkaġunat il-massive degloving injury tal-estremita inferjuri tal-lemin li kienet testendi għall-pelvis bil-laċerazzjonijiet deksritti;*

[19] **Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali,** Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Ottubru 2003, (App Nru 6/2002/1)

*4. Illi jidher illi s-sider ukoll ġie maqbud u għalhekk il-fratturi tal-kustilji u l-laċerazjoni estensiva ta' taħt l-armpit tax-xellu u kif ukoll ġiet involuta wkoll ir-ras;*

*5. Illi l-kawża tal-mewt ta' Carmnu Micallef kienet definittivament kaġun ta' crush injury vjolenti. Dan miet mal-ewwel fuq il-post"*

Illi min-naħa tagħhom, l-esperti patoloġisti Dr Ali Salfraz u Dr David Pisani wara li jiddeskrivu d-diversi fratturi u l-kondizzjoni tal-ġisem tal-vittma jikkonkludu fir-riapport tagħhom:

*"The cause of death in this case is certified as being due to multipl crush injuries, as described in detail above, secondary to a motor vehicle accident*"

Illi għalhekk jirriżulta ċar li Karmnu Micallef inqabad taħt ir-rota tat-trakk u t-trakk baqa' jinstaq bil-konsegwenza li Micallef tgħaffeġ taħtu. Dan jirriżluta wkoll *icto oculi* mir-ritratti eżebiti kemm mal-varji rapporti preżentati fl-*in genere* kif ukoll mir-ritratti eżebiti mill-Perit Richard Aquilina quddiem din il-Qorti.[20]

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużat hija dik ta' omiċidju involontarju kif misjuba fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie osservat fil-każ **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg**:[21]

---

[20] Ara x-xhieda mogħtija nhar l-14 ta' Marzu 2023, a fol 175 tal-atti proċesswali.

[21] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998. Ara wkoll f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**, Qorti tal-Appell Kriminali, 4 ta' Frar 1961.

*"L-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, jittratta effettivament l-omiċidju kolpuż. Skond dan l-artikolu, sabiex jirrizulta dan id-delitt, hemm bżonn li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuragni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawżalità, minn akkadut dannuz involontarju;*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kopluż, hemm neċessarjament l-element ta' attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċerta prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta' terzi;"*

Fl-istess sentenza jingħad ukoll:

*"In konklużjoni il-kunċett tal-kulpa jista' jiġi definit hekk:*

*"Kondotta volontarja (azzjoni jew ommissjoni) li tikkaġuna event antiġuridiku, mhux volut, izda prevedibbli, b'mod li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad normali";*

*Għalhekk skont din il-Qorti, l-elementi essenzjali li jikkomponu dan il-kunċett tal-kolpuż jistgħu jiġu hekk stabbiliti:*

*Azzjoni jew ommissjoni volontarja;*
*Event jew akkadut dannuż;*
*Ness ta' kawżalità bejn l-azzjoni (jew ommissjoni) u l-event jew akkadut dannuż;*
*Il-prevedibilità u eċċezzjonalment il-previżjoni ta' dan l-event jew akkadut dannuż;*

*Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu għalhekk il-prevedibilità ta' l-event dannuz li kondotta illegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-*

*kulpa normali jew l-hekk imsejħa la colpa incosciente a differenza minn dik imsejħa la colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut;*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta inkontradett li fil-mument li seħħ dan l-inċident, l-akkużat kellu l-kontroll tat-trakk u kien qed jwettaq manuvri biex idawwar it-trakk fit-triq. Filfatt, huwa qed jiġi akkużat ukoll li saq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż.

Illi ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[22] illi:

*"...din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (1) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 15 ta l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negliġenti driving u dangerous driving fit-test Ingliż).* ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-*

[22] **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1997.

*ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat u kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali 21/5/96);"*

Illi inoltre, fis-sentenza Pulizija vs Ryan Sultana,[23] ġie ritenut illi:

*"Id-dover ta' proper lookout:*

*: '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fil-mument li l-akkużat kien qed jagħmel il-manuvra tiegħu bit-trakk fit-triq, kien ben konsapevoli tal-fatt li l-vittma kien fil-vinċinanza prossima tat-trakk, tant li kien qed jaralu jdawwar, u li bil-manuvri li kien qed jagħmel bit-trakk kellu wkoll iżomm "a proper lookout" mhux biss għall-konfini tat-triq fejn kien qed jimmanuvra biex ma jobroxx

[23] **Pulizija vs Ryan Sultana**, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Mejju 2022 (Appell Nru 413/2021).

it-trakk iżda wkoll għall-posizzjoni fiżika tal-vittma waqt li kien qed jagħmel dawn il-manuvri. Huwa evidenti li dan ma sarx għaliex kieku l-inċident sfortunat ma kienx iseħħ.

Illi għalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-element li l-akkużat ma kienx qed iżomm "a proper lookout" fil-mument tal-inċident bil-konsegwenza li l-prosekuzzjoni pprovat in-ness bejn l-azzjoni ta' mmanuvrar tal-akkużat u l-inċident sfortunat, liema inċident seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad normali.

Għalhekk, din l-ewwel akkuża ġiet suffiċjentement ipprovata da parti tal-prosekuzzjoni.

Illi d-difiża tissottmetti wkoll illi l-vittma kien xi ftit "clumsy" u ċajtier bil-mod kif kien jaġixxi fuq il-post tax-xogħol. Tissottometti li l-qasam tal-kostruzzjoni minnu nnifsu jitlob attenzjoni elevata da parti tal-ħaddiema għaliex pass ħażin jista' jiswa' l-ħajja ta' bniedem. Illi l-Qorti, għalkemm taqbel mas-sottomissjoni ġenerika li l-qasam tal-kostruzzjoni jitlob attenzjoni ogħla mill-ħaddiema, tiqs ukoll li wieħed irid jiddistingwi bejn xogħol li qed isir fl-għoli fuq armar, bħal per eżempju l-għoti tal-konkos fis-saqaf, u xogħol li qed isir mal-art, bħal per eżempju li tgħin xufier jimmanuvra trakk. Huwa ovvju li l-grad tar-riskju huwa differenti f' dawn iż-żewġ iċ-ċirkostanzi, għalkemm it-tnejn li huma jistgħu jsiru fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Illi b'din is-sottomissjoni, l-akkużat qed iqajjem id-difiża li Carmnu Micallef seta', bil-karattru tiegħu, ikkontribwixxa għal dan l-inċident. Illi din hija d-difiża klassika ta' "contributory negligence". Illi dwar din, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo et**,[24] illi:

---

[24] **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 2007, (Appell Krim Nru 123/2006)

> *"Fis-sistema penali taghna, il-contributory negligence tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru "Il-Pulizija vs. P.Vassallo." (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883)*
>
> *Kif jghid O.C. MAZENGARB fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968]*
> *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

Illi d-difiża tagħmel din is-sottomissjoni abbażi tal-fatt li skonta, l-vittma kellu aktar minn sebgħin sena u li mir-rekords mediċi jirriżulta li huwa diġà kellu inċident fil-passat fuq il-post tax-xogħol. Illi l-Qorti rat ir-rekords mediċi u għalkemm jirriżulta li f'Lulju 2008 huwa kellu tassew inċident fuq il-post tax-xogħol fejn kien qed jiċċajta ma sħabu,[25] huwa kellu inċident ieħor biss fuq il-post tax-xogħol f'Awwissu tal-1985 billi weġġa dahru waqt li kien qed iġorr xi oġġetti. Illi tenut kont tal-fatt li l-vittma kien ilu jaħdem bħala driver sa mid-29 ta' Marzu 2004[26] ma jirriżultax li l-vittma kellu xi propensità li jkorri jew iweġġa' fuq il-post tax-xogħol. Illi mir-rapport tal-Ispiżjar Dr. Godwin Sammut jirriżulta wkoll li l-vittma rriżulta negattiv għall-użu ta' alkoħol, drogi jew mediċinali simili.[27] Per di più, ma tressqet ebda prova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-vittma kien il-kawża unika għall-akkadut u għalhekk, il-Qorti ma tara xi li hemm xi raġuni biex teżonera lill-akkużat mir-responsabilità kriminali.

---

[25] a fol. 346 tal-atti proċesswali.
[26] Ara fol. 165 tal-atti proċesswali.
[27] Ara fol. 198 tal-Atti proċesswali.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, il-Qorti filwaqt li tagħmel pjenament referenza għal dak diġà espost hawn fuq dwar il-fatti tal-każ. Iżżid tgħid li mit-tlett estremi kkontemplati fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u kif spjegati dettaljatament fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** hawn fuq riportata, l-aġir tal-akkużat jammonta għal sewqan traskurat, aktar milli sewqan bla kont jew sewqan perikoluż, stante li għalkemm il-manuvrar tat-trakk sar lilhinn mill-istandards li kienu rikjesti f'dak il-mument, ma sarx bi traskuraġni kbira jew li kien deliberatament perikoluż għal terzi.

Illi għalhekk, anke din it-tieni akkuża ġiet suffiċjentement ipprovata iżda biss bħala sewqan traskurat.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti fl-ewwel lok tqis li din it-traġedja setgħet tiġi evitata kieku l-akkużat żamm aktar attenzjoni ta' fejn kien fiżikament jinsab il-vittma waqt li kien qed jagħmel il-manuvra u li għalhekk il-piena għandha tirrifletti l-gravità ta' dan in-nuqqas. Min-naħa l-oħra, dan kien inċident li żgur ma kienx riżultat ta' xi aġir jew attitudni da parti tal-akkużat li jmur lilhinn minn negliġenza, jew traskuraġni, u li għalhekk il-piena m'għandhiex tkun waħda karċerarja effettiva.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 225(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha, qed issib lil **Davide Manunta <u>ħati</u>** tal-akkużi **<u>kollha</u>** miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u 28E tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin mil-lum.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lil Davide Manunta milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ħmistax-il jum mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil **Davide Manunta** jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' €3,963.82 rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur